MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2013

Numru. 953/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Raphael Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Raphael Falzon**, ta' sittin (60) sena, iben Vincent u Carmela neé Scicluna, imwieled il-Hamrun fis-17 ta' Gunju 1950, residenti 129, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, u detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 532950(M), akkuzat talli:

f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Ottubru 2010 u fix-xhur ta' qabel din minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima

jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu biljetti tal-flus valuta euro falsifikati meta kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati *ai termini* tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba titratta mal-akkuzat talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza ta' habs sospizi ghal tlitt snin datata 27 ta' April 2010 moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D. liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 14 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 59) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 69), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-14 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 59), u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u dana a bazi tal-Artikoli tal-Ligi ndikati fin-Nota tieghu tal-14 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 59) u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu (li ma jistghax jinghad li kienet wahda bikrija u dana *stante* li l-imputat irregistra l-ammissjoni tieghu wara li l-Prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha), il-fedina penali (Dok. "DT 5" – *a fol.* 13 *et seq.*) tal-imputat u kif ukoll il-fatt li l-Prosekuzzjoni u d-difiza nfurmaw lill-Qorti li ma kienux qeghdin jinsistu ghal piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-14 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 59) u senjatament Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Raphael Falzon hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni taghzel li ma dahhalx fis-sehh is-sentenza ta' prigunerija sospiza moghtija fis-27 ta' April 2010 u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 qed testendi l-perjodu operattiv ghall-perjodu iehor ta' erba' (4) snin li jibda jiddekorri millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien erba' (4) snin millum.

Finalment, in segwitu ta’ dak li xehed Robert Mifsud (mill-Bank Centrali ta’ Malta) fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2011 fir-rigward ta’ Dok. “DT 4” (*a fol.* 12), il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta’ tali dokument taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------